# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# (BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI)

## MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

CIT NUMRU 432/90

ILLUM 23 TA' OTTUBRU, 2001

IL-PULIZIJA
(SUPRETENDENT ANGELO BALDACCHINO)

VS

CATHERINE FARRUGIA SAYDON

## IL-QORTI

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputata u dan talli f'Haz Zabbar fil-24 ta' Marzu 1990, u fl-4 ta' Gunju 1990, ghall-habta tat-8.00 p.m. rispettivament, halfet falz quddiem il-Magistrat jew quddiem ufficjali li ghandhom is-setgha b'ligi li jaghtu l-guramenti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 189 tal-process li biha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputata u a bazi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 108 u 109 u 533 tal-Kodici Kriminali, iddecieda li jibghat lill-istess imputata sabiex tigi ggudikata minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputata.

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma ghandhiex tali oggezzjoni (ara fol 190 tal-process).

Semghet lill-akkuzata minn jeddha.

Semghet ix-xhieda prodotti u rat id-dokumenti esebiti mill-istess akkuzata.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi kif spjega l-ufficjal prosekutur ( fol 9, 28 u 51) dan il-kaz beda meta fl-24 ta' Marzu, 1990 ghall-habta tal-10.30 a.m. l-akkuzata u zewgha Emanuel kienu ghamlu rapport lilu stess, illi certu John Psaila, maghruf bhala "il-Pupa" kien kisser il-karozza tal-istess zewgha, matul il-lejl ta' qabel. In oltre l-akkuzata kienet spjegatlu li ghal certu perjodu ta' zmien kienet tikkoabita mal-istess Psaila u kienet irrapurtatu, ulterjorment, illi dan kien involut f'serq minn djar ta' residenzi, ossija Villa numru 6 fi Triq is-Salini, Wied il-Ghajn u ohra appartenenti lill-familja Stellini kif ukoll minn stabbiliment kummercjali bl-isem ta' The Wells f'Wied il-Ghajn.

In konnessjoni mal-premess, l-akkuzata kienet irrilaxxat stqarrija dettaljata bil-miktub li tinsab annessa mal-atti a fol 16 u mmarkata Dok CF.

Hawnhekk l-ufficjal prosekutur, mir-ricerki li ghamel, ra, li in konnessjoni ma' kull serqa imsemmija kienet saret inkjesta mill-Magistrat tal-Ghassa li kienu hatru esperti teknici in konnessjoni ma' kull kaz, liema esperti kienu Alfred P. Camenzuli, l-avukat Dottor Simon Micallef Stafrace u William Cassar Torreggiani.

Ghalhekk hu sejjah fl-ufficcju tieghu l-ewwel zewg esperti imsemmija u l-akkuzata, quddiemhom, <u>ikkonfermat taht gurament</u> il-kontenut tal-istess stqarrija imsemmija. Sussegwentement fl-4 ta' Gunju, 1990 regghet giet ghandu l-akkuzata li, da parti taghha, informatu li l-istess John Psaila kien **<u>gieghlha</u>** <u>tikteb zewg ittri</u> li fihom, l-akkuzata, filwaqt li skuzat ruhha ghar-rapport imsemmi, kienet iddikjarat li l-istess Psaila ma kienx responsabbli ghall-hsarat fil-karozza ta' zewgha kif ukoll in rigward it-tlett serqiet imsemmija.

Hawnhekk l-akkuzata rrilaxxat <u>it-tieni stqarrija taghha bil-miktub</u>, li ukoll tinsab esebita mal-atti a fol 19 u mmarkata <u>Dok CF1</u> liema stqarrija giet ukoll <u>konfermata, taht gurament</u>, mill-istess akkuzata quddiem l-imsemmi espert Dottor Simon Micallef Stafrace.

Illi fil-5 ta' Lulju 1990, pero, l-akkuzata kienet informatu "li dak kollu li kienet qalet in rigward Ganni Psaila **<u>ma kien veru</u>** **<u>xejn</u>**" u li dak kollu li kienet stqarret, taht gurament, fl-imsemmija Dok CF u Dok CF 1 "**<u>kien kollu gideb</u>**" (ara l-annessa stqarrija addizzjonali mmarkata <u>Dok CF 2</u> a fol 21 ibid).

In oltre, fit-13 ta' Lulju 1990, l-akkuzata kienet stqarret ukoll li l-imsemmija zewg ittri "kienet kitbithom hija stess volontarjament u minghajr theddid" (ara l-anness Dok CF3 a fol 23 ibid).

In rigward l-ahhar zewg stqarrijiet imsemmija, jidher li l-akkuzata irritrattat dak kollu li stqarret taht gurament kif hawn fuq premess, li hi, la kienet iffirmathom u lanqas ikkonfermathom taht gurament. Ta min isemmi ukoll li l-akkuzata kienet tat lill-istess ufficjal prosekutur xi oggetti "li suppost insterqu mill-postijiet imsemmija" (ara l-annessi Dok <u>JR1 sa Dok JR 3</u> in atti a fol 39 u 40 ibid).

Ikkunsidrat

Illi waqt il-kumpilazzjoni gew esebiti tlett processi verbali (dok CZ1, Dok CZ 2 u iehor a fol 43, 44 u 132 rispettivament tal-atti).

L-ewwel wiehed jirreferi ghall-inkjesta li saret dwar serq minn The Wells Bar and Restaurant. Pero f'dan il-kaz l-espert tekniku William Cassar Torreggiani ma kienx inghata il-fakolta li jisma x-xhieda taht gurament.

It-tieni wiehed jirreferi ghal serq minn villa fi triq is-Salini, Wied il-Ghajn, fejn kien gie nominat bhala espert l-avukat Dr Simon Micallef Stafrace, bil-fakolta ta' smigh ta' xhieda taht gurament. In rigward l-istess inkjesta l-avukat Dr Simon Micallef Stafrace (fol 53 et seq ibid), ikkonferma li fl-24 ta' Marzu 1990 u matul Gunju 1990 hu kien qara lill-akkuzata zewg stqarrijiet li kienet rrilaxxat lill-pulizija, liema akkuzata, da parti taghha, ikkonfermathom taht gurament (ara l-annessi Dok SMS u Dok SMS1 li effettivament jikkorrispondu ghall-istqarrijiet imsemmija mmarkati Dok CF u Dok CF 1.

Ta min jinnota li l-istess espert sema lil-akkuzata tikkonferma dawn iz-zewg stqarrijiet "b'certa konvinzjoni".

In rigward l-ahhar process verbal esebit a fol 132 jirrizulta mill-atti li kien gie nominat Alfred P. Camenzuli bhala perit tekniku mighajr, pero, ma inghata il-fakolta ta' smiegh ta' xhieda taht gurament (ara ukoll ix-xhieda tal-istess espert a fol 162 u 154 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati il-provi in ezami, prodotti mill-prosekuzzjoni u relevanti ghal dan il-kaz, ghandu jinghad li l-akkuzata xehedet (fol 199 et seq ibid) in rigward iz-zewg stqarrijiet mmarkati Dok CF u Dok CF 1 "Hawnhekk bil-gurament tieghi nghid li l-**verita** hija dak li huwa imnizzel fl-ewwel zewg stqarrijiet tieghi".

Sussegwentement hi rrimarkat dak li kien gara waqt li kellha relazzjoni mal-imsemmi John Psaila maghruf bhala 'il-Pupa', "illum mejjet", u spjegat kif "meta ghamilt it-tielet stqarrija, jiena fil-fatt kont mhedda mill-istess Psaila li kien isfel barra mill-ghassa fil-karozza tieghu".

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li quddiem il-Qorti, l-akkuzata, wara l-ewwel zewg stqarrijiet rilaxxati minnha, ikkonfermathom "qua" kontenut bil-gurament taghha bhala l-verita. Ulterjorment, hi xehedet li kienet irritrattat l-istess stqarrijiet minhabba t-theddid li kien ghamlilha John Psaila, deskritt minnha bhala bniedem li uza l-vjolenza matul ir-relazzjoni taghha mieghu.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li hu probabbli li:

a) L-akkuzata ma haditx gurament falz meta ikkonfermat, taht gurament, quddiem l-avukat Dottor Simon Micallef Stafrace, il-kontenut taz-zewg stqarrijiet imsemmija.

b) Li hi irritrattat l-istess stqarrijiet minhabba t-theddid li kien sarilha minn John Psaila (ara ukoll l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali in konnessjoni ma' dak premess).

Illi ghalhekk l-akkuzata ma tistax tinstab hatja tal-akkuza in ezami migjuba kontra taghha a bazi tal-artikolu 108 hawn fuq citat.

Ghaldaqstant il-Qorti issib lill-akkuzata mhux hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tilliberaha minnha.

Alan Calleja
Deputat Registratur.                                        Veru Kopja

Ghar-Registratur